MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 154/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Carmela Ciarlo'**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Carmela Ciarlo'**, ta' wiehed u tmenin (81) sena, bint Lorenzo Abela u Antonia neé Mallia, imwielda Valletta fit-30 ta' Lulju 1930, u li

toqghod f'8C Triq iz-Zekka, Valletta, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 514230M, akkuzata talli:

1. bejn il-perjodu tal-1 ta' Awwissu 2011 u t-30 ta' Ottubru 2011, f'dawn il-Gzejjer, approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Joe D'Amato miz-Zurrieq;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad-detriment ta' Joe D'Amato miz-Zurrieq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 40) datata 15 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata

minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 47), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Gunju 2012, f'liema seduta l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx u li ma ressqet ebda provi.

Semghet is-sottomisjonijiet finali (*a fol.* 78 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Yvonne Farrugia** (*a fol.* 10 *et seq.*) li xehdet rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha in segwitu ta' rapport li kien sar mill-parte leza Joe D'Amato.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed ukoll **Joe D'Amato** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn qal li kien ilu jaf lill-imputata ghal madwar tliet snin u nofs/erbgha u dana peress illi hu membru fil-volontarjat tal-Ordni ta' San Gwann ta' Malta u kien jiffrekwenta l-ufficju kwazi kuljum. Jghid li l-imputata kienet tmur ukoll wara nofsinhar. Jispjega: *"darba fost l-ohrajn kienet talbitni xi flus ma ghandhomx x'jaqsmu ma' dan il-wirt li qalet, insomma, li ghandha xi mara ta' tifel b'tarbija u ha tispicca barra jekk mhux ser thallas xi dan, u kont sliftha elfejn u hames mitt Euro"* (*a fol.* 22). Jghid li l-imputata kienet qaltlu li kienet ser troddlu lura ftit ftit dan l-ammont, kif bdiet taghmel. Jghid li wara li kienet taghtu hdax-il mitt Euro, qaltlu biex taqbez xi xahar minhabba xi spejjez li kellha u li darba fost l-ohrajn qaltlu li xi nutar kien qalilha li habib tar-ragel taghha, li kien miet, kien halla xi wirt lir-ragel taghha u li issa dan waqa' fuqha. Jghid li talbitu xi flus biex tkun tista' titrasferixxi dan il-wirt u hu hekk ghamel. Jispjega li kienet iffirmata skrittura privata (Dok. "YF 3" – *a fol.* 17 *et seq.*) quddiem certu Nadia Chetcuti, li turi li saru dawn il-pagamenti. Jghid li kien hemm xi drabi fejn l-imputata ma kienitx tmur l-ufficju u li kienet tghidlu li kienet qed tmur ghand nutar. Jghid li darba minnhom l-imputata wrietu cekk ta' € 25,000 li kien fuq isimha u qaltlu li dan kien jissarraf fl-ahhar tal-gimgha u li talbitu € 4000 u hu tahomlha. Jixhed li talbitu xi flus ohra u hu tahomlha wkoll u dan peress li kienet tweghdu li kienet ser thallsu. Jispjega li kif kienet qaltlu li kienet ser thallsu f'gurnata partikolari u meta mar biex isir dan, talbitu aktar flus. Jghid li sar kuntatt man-nutar li kienet issemmi l-imputata u ftehmu li jmorru ghandu l-ghada u meta marru u l-parti leza talbu l-flus, u dana qallu li mhux hu kellu jhallsu pero l-imputata, l-imputata qaltlu li kien nutar iehor. Jghid li rrizulta li ma kien hemm nutar xejn, pero kien xi hadd Alfred Spiteri li l-imputata kienet taghti l-flus lilu. Jispjega li ghamel rapport u li wara xi jiem l-imputata regghet talbitu xi

flus u jixhed: *"Qaltli hares, qaltli dak qieghed imsiefer, qaltli qieghed il-Marokk, mar ibiegh proprjeta' minn hemmhekk, qaltli u ghandi cekk ta' l-HSBC fuq ismi ta' three hundred thousand u ma nafx kemm fuqhom"* (*a fol.* 26). Ezebixxa tlitt ittri li bghatitlu l-imputata wara dan kollu, liema ittri gew immarkati minn Dok. "JA 1" sa "JA 3" (*a fol.* 28 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 (*a fol.* 61 *et seq.*), ikkonferma li kellu rispett kbir lejn l-imputata. Jghid li kien hemm drabi fejn l-imputata kienet tigi fdata biex tiddepozita xi flus il-bank u li sa fejn jaf hu ma kienx ikollhom problemi. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni li baqa' jaghti l-flus lill-imputata meta din ma kienitx qed taghmel il-pagamenti lura jghid li wara li kien taha € 10,000 ried jieqaf pero l-imputata baqghet tinsisti. Jghid li kellu fiducja ghamja fl-imputata. Jghid li oht l-imputata offriet li jsiru xi pagamenti bhala hlas lura lilu u li hu ma accettax.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Dr. Kevin Dingli** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lil D'Amato u lill-imputata peress li huwa membru tal-Ordni ta' San Gwann. Jixhed rigward l-inkontru li kellu flimkien mal-imputata u ma' D'Amato u jghid li meta beda jistaqsi lill-imputata lil min kienet tat il-flus, l-imputata qaltlu li ma kienx nutar imma kienet persuna anzjana. Jghid li fl-ahhar semmietlu lil certu Alfred Spiteri u tatu n-numru tal-*mobile* tieghu 79625967. Jghid li l-imputata qaltlu li ma kellhiex ircevuti tal-hlasijiet li hija tghid li ghamlet. Jixhed li ta parir lill-parti leza sabiex jaghmel rapport mal-Pulizija.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2012, xehed ukoll **Dr. Anthony Bonnici** (impjeta mas-socjeta' GO – *a fol.* 37 *et seq.*) rigward in-numru 79625967 u jghid li din il-linja qatt ma kienet attivata.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehdet **Nadia Chetcuti** (Segretarja tal-Assocjazzjoni Maltija tal-Ordni ta' San Gwann - *a fol.* 42 *et seq.*) fejn giet murija Dok. "JA 1" sa "JA 3" (*a fol.* 28 *et seq.*). u qalet li dawn gew miktuba minnha meta l-parti leza kien isellef xi flus lill-imputata. Tghid li ilha taf lill-imputata ghal madwar tnax/hmistax-il sena u li kienet tafdaha tant li anke c-cavetta tal-ufficju kien ikollha. Tispjega li l-imputata kienet tmur xi xoghol volontarju. Tixhed li darba fost l-ohrajn l-imputata kienet marret l-ufficju ecitata u tghid li din qalet li kienet wirtet ghax kien cemplilha xi nutar li ma kienitx taf min hu u anqas semmiet min hu. Tghid li l-parti leza kien diga ghinha lill-imputata fuq xi haga ohra u li l-parti leza kien jaf li hi (Chetcuti) kienet tafdaha b'ghajnejha maghluqa. Tispjega li l-imputata kienet titlob lill-parti leza diversi drabi ghal xi flus li ried xi nutar minhabba l-wirt ghax inkellha ma kienx ser ikompli jahdmilha. Tghid li l-imputata kienet hadet xi cekk ta' hamsa u ghoxrin elf Euro li kien iffirmat minn certu Vella u li kien pagabbli lill-imputata, li hija stess kienet rat. Tixhed li kienet talbet lill-imputata tghidilha isem in-nutar. Wara li rat Dok. "YF 3" (*a fol.* 17) ikkonfermat li dan kitbitu hi u li fuqu hemm il-firma tal-parti leza u tal-imputata. Tispjega li l-firem dejjem saru quddiemha.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 (*a fol.* 68 *et seq.*), tghid li l-imputata accetat li taghmel karta mal-parti leza wara li dan kien taha xi flus. Tghid li l-imputata dehret ecitata aktar minn normali meta qaltilha li kienet wirtet.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehdet **Audrey Ghigo** (rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc – *a fol.* 51 *et seq.*) fejn ezebiet erba' *cheque images* (Dok. "AG 1" sa "AG 4" – *a fol.* 53 *et seq.*) mahruga mill-parti leza u pagabbli lill-imputata. Ikkonfermat li dawn ic-cekkijiet gew msarrfa u li fuqhom rat il-firma u l-karta tal-identita li jirrizulta li huma dawk tal-imputata.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed ukoll in-**Nutar Robert Micallef** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li kien iltaqa' mal-imputata darbtejn: darba wahidha u darba ohra kienet flimkien mal-parti leza. Jispjega kif l-imputata kienet qaltlu li kienet wirtet minn ghand persuna li ghadu ma jafx la ismu u anqas kunjomu u anqas tatu d-data tal-mewt ta' dan il-persuna. Jghid li qaltlu wkoll li kellha taghti xi flus lil xi persuna ohra li wara rrizulta kien il-parti leza. Jixhed li wara dan l-inkonrtru, sar inkontru iehor li ghalih kien prezenti wkoll il-parti leza fejn kien informa lill-istess part leza li l-imputata kienet infurmatu li kienet wirtet minn ghand xi hadd pero li hu ma setgha jaghmel xejn ladarba ma kellux dettalji ta' din il-persuna. Jghid li l-imputata kienet semmietlu xi ammont ta' madwar € 20,000.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab akkuzata bir-reati tal-misapproprjazzjoni u tal-frodi. Il-Qorti ser tibda billi taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjoni li tirrigwarda l-frodi, u cioé it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna

illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkometti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

> [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

> Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali iccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

> *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-*

*kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-esposizzjoni legali ta' dana r-reat ma hemmx dubbju illi l-imputata holqot messa in xena mill-aqwa. Lil Joe D'Amato talbitu xi flus rigward xi mara ta' tifel b'tarbija u qaltlu wkoll li xi nutar kien qalilha li habib tar-ragel taghha, li kien miet, kien halla xi wirt lir-ragel taghha u li issa dan waqa' fuqha u talbitu il-flus. Jirrizulta li kien hemm drabi fejn l-imputata ma kienitx tmur l-ufficju fejn kien ikun Joe D'Amato u kienet tghidlu li kienet qed tmur ghan-nutar. Irrizulta li l-imputata kienet anke uriet lil D'Amato cekk ta' € 25,000 fuq isimha u qaltlu li dan kien jissarraf fl-ahhar tal-gimgha u li hi talbitu xi flus ohra u hu tahomlha. Meta eventwalment marru ghand nutar partikolari, l-imputata qaltlu lil D'Amato li kellhom imorru ghand nutar iehor. Da parte tieghu, Dr. Kevin Dingli jixhed kif l-imputata

qaltlu li kienet tat flus lil xi persuna anzjana bl-isem ta' Alfred Spiteri bin-numru tal-*mobile* tieghu 79625967. Ir-rapprezentant tas-socjeta' GO, Dr. Anthony Bonnici xehed li din il-linja qatt ma kienet attivata. Minn naha taghha, Nadia Chetcuti spjegat kif, darba fost l-ohrajn, l-imputata kienet marret l-ufficju ecitata ghax qalet li kienet wirtet peress li kien cemplilha xi nutar. Chetcuti kompliet tispjega kif l-imputata kienet titlob lill-parti leza diversi drabi ghal xi flus li ried xi nutar minhabba l-wirt ghax inkellha ma kienx ser ikompli jahdmilha. Chetcuti stess ikkonfermat li rat cekk ta' € 25,000 mehud mill-imputata u pagabbli lilha stess. In-Nutar Robert Micallef jghid li imputata kienet qaltlu li kienet wirtet minn ghand persuna li ma jafx id-dettalji taghha.

Illi bl-artifizji jew mezzi ta' ingann adoperati mill-imputata, l-imputata kienet tigbor il-flus minn ghand Joe D'Amato sabiex huwa kien isofri telf patrimonjali. L-element tad-dolo huwa wkoll ippruvat ghaliex l-ghan ta' l-imputata ma kienx sabiex tigbor dawn il-flus ghall-ghan imwieghed izda sabiex idawwar dawk il-flus bi profitt ghaliha innifisha.

Illi dwar ir-reat ikkontemplat fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata jidher illi dina nghatat bhala alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni. Kwindi gialdarba ser tinstab htija taht it-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni. Illi, fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma tqies illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jistghu jinkwadraw ruhhom taht l-element legali rikjesti fir-reat tal-misapproprajazzjoni u dana peress illi ma jistax jinghad illi Joe D'Amato kien qed jghaddi l-flus sabiex l-imputata taghmel uzu minnhom ghal ghan specifiku u hi ghamlet uzu minnhom xort'ohra, izda huwa kien qed jghaddhielha l-flus ghaliex kien qed jigi ngannat mill-imputata fis-sens illi l-flus

kienu qed jingabru ghal ghan partikolari meta dana ma kienx minnu.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).[1]

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti, filwaqt li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imptuazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, ser issib lill-imputata hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi l-ammont dovut mill-imputata gie pruvat mid-dokumenti ezebiti u rrizulta li dan huwa dak ta' € 20,590.[2]

Illi, fir-rigward ta' piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-

[1] **Il-Pulizija vs Francis Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju 2001.
[2] *Vide*, fost l-ohrajn, Dok. "YF 3" (*a fol.* 17 *et seq.*) u Dok. "AG 1" – "AG 4" (*a fol.* 53 *et seq.*).

imputata (Dok. "YFF 2" – *a fol.* 8 – li hija wahda kompletament nadifa), l-eta tal-imputata (li llum il-gurnata ghandha l-fuq minn tmenin sena) u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li f'kaz li l-imputata tinghata piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx f'pozizzjoni li thallas l-ammont dovut lil Joe D'Amato u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputata tinghata sentenza li permezz taghha tkun tista' fi zmien qasir thallas lura dak li huwa dovut u fin-nuqqas tiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata peress illi dina hija alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' Gunju 2012 u senjatament Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannha ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur thallas lil Joe D'Amato s-somma ta' ghoxrin elf, hames mija u disghin Euro (€ 20,590).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkometti reat iehor fi zmien tlitt snin jew jekk ma thallasx l-ammont ta' € 20,590 fiz-zmien lilha moghti.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi kkundannata thallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u dana *stante* li jirrizulta li ma gew imqabbda l-ebda esperti jew periti f′dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------